MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Numru. 14/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**Vs**

**LOUIS CARDONA**

**Seduta ta' llum, 27 ta' Jannar 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LOUIS CARDONA** ta' wiehed w erbghin sena, bin George u Rita nee Bugeja, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Jannar 1962 u residenti 'Aar l-Anglu', Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 36362M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Gunju 2002 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu f'Ghawdex:

1. saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni KBE 472 bi speed eccessiv;
2. talli fl-istess data, lok u hin, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Eddie Joe Cardona;
3. talli fl-istess data, hin u lok, b'nuqqas ta'hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoi tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna hsarat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAG 241 ghad-dannu ta' George Cremona liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin;
4. talli fl-istess data, hin u lok, saq vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni KBE 472 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita kompetenti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija timpedixxi lil imsemmi Louis Cardona milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Senghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta a fol 6 tal-atti u cioe meta sar l-ezami nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003, ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini esibit fl-att a fol 8 et seq.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kwerelanti ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hmistax ta' Novembru 2004 [fol 160] kif wkoll n-nota ta' osservazzjonijiet tal-imputat [fol 172 et seq].

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tlieta ta' Dicembru 2004.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed PS 73 Josef Camilleri** [fol 96] u esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza, liema okkorrenza giet mmarkat bhala dokument CSH 6. Huwa qal li l-imputat kellmu a tempo vergine tal-investigazzjoni u dan qallu li kien niezel lejn Marsalforn isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Izuzu bin-numru ta' registrazzjoni KBE 472 meta f'hin minnhom giet karozza bin-numru ta' registrazzjoni CAG 241 tal-ghamla Mitsubishi Pajero misjuqa mill-allegat vittma Eddie Joe Cremona li ghaddielu minn ma gembu. Spjiega li dan kien qed isuq b'velocita waqqija, qabzu, tilef il-kontroll u baqa diehel go sigra. Huwa spicca warajh u habat go fih. Il-Pulizija spjiega li lil vittma ma kellmux dakinhar ghaliex ma kienx f'sensih. Qal li pero mill-investigazzjonijiet li hu ghamel rrizultalu li z-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni lejn Marsalforn. Huwa spjiega li Eddie Joe Cremona tilef l-kontroll tal-vettura u spicca mahbut ma sigra, dan ostakola t-triq u l-imputat baqa diehel go fih. Mistoqsi meta xehed, jekk jirrizultalux li l-vettura tal-imputat kienetx licenzjata ghat-triq, dan ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed Saviour Farrugia** [fol 100] ghan-nom tad-Direttur tal-Licenzji fejn stqarr li l-vettura misjuqa mill-imputat u cioe l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE 471 kienet registrata f'isem John Crima ta' Ventour Company Limited ta' 195, Triq t-Torri, Sliema u l-ahhar li kellha l-licenzja mhallsa kien fid-dsatax ta' Dicembru 2000 u b'hekk fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2002, din il-vettura ma kienetx koperta b'licenzja tat-triq valida.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed il-Perit Gwido Vella nominat fl-inkjesta** [fol 18] u ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument CSH 2. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta s-segwenti:

1. li l-incident sehh f'dik il-parti tat-triq li tiehu minn Victoria ghal bajja ta' Marsalforn. Din hija major traffic road u t-tarmac taghha nghata recentement u cioe qabel l-incident;
2. li fit-triq ma kienx hemm sinjali tat-traffiku la fin-nofs u lanqas fil-gnub;
3. li t-triq ghandha pendil hafif hafna 'l isfel fid-direzzjoni li fiha kienu mexjin il-vetturi;
4. li fil-hin tal-incident, t-triq kienet imdawwla sew bix-xemx, kienet tiddi fuq in-naha tal-lemin tas-sewwieqa. Dan nonostante, il-vizibilita kienet wahda tajba;
5. a. li l-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CAG 241 kellha daqqa fonda fuq il-parti ta' quddiem taghha li rrizultat meta l-vettura dahlet head on fiz-zokk tas-sigra;
b. li l-bieba tal-lemin tghha kienet miftuha u mghawwga, bit-tyre tar-roti tal-lemin ta' wara mifquh w imnizzel;
c. fuq li fuq ix-xellug taghha kien hemm daqqa fonda fejn intlaqtet il-gabina tat-truck, is-side view mirror tan-naha tax-xellug kellha girfa orizzontali li kienet gholja mill-art cirka 129 cm. <u>Grif simili instab</u> fuq il-gemb tal-lemin tal-kaxxa tat-truck;
d. il-bumper-shoe taghha kellu daqqa li kienet taqbel ma sinjali ta' daqqa fuq il-wicc ta' barra tar-roti ta' wara tat-truck;
e. li kien hemm sinjali ta' grif fuq ix-xellug tal-bonnet ta' wara l-vettura li kien gholi 94cm 'l fuq mill-art. Dawn kienu fil-fehma tieghu <u>kompatibbli</u> ma sinjali ta' grif li kien hemm fuq il-gemb tal-kaxxa tat-truck;
6. li l-vettura Izuzu Elf 250 bin-numru ta' registrazzjoni KBE 472 kellha dawn il-hsarat:
a. It-truck kellu daqqa fuq quddiem, probabbilment kagjonata bid-daqqa li hadet il-vettura frontalment meta laqat lil Pajero;
b. daqqa ohra sostanzjali fuq il-pilastru tax-xellug tal-gabina u l-bieb kienet mghawwga w imressqa lura;
c. il-foot rest tan-naha tax-xellug spiccat tmiss mar-rota tax-xellug ta' quddiem;

d. il-hgiega tal-bieba tax-xellug kienet miksura;
e. kien hemm grif gholi cirka 129cm 'l fuq mill-art fuq il-gemb tal-lemin, fuq is-side view mirror tan-naha tax-xellug tal-Pajero;
f. kien hemm girfa ohra friska f'gholi ta' 94 cm 'l fuq mill-gemb tal-kaxxi kompatibbli ma grif fuq il-bonnet ta' wara tal-Pajero liema grif kien orizzontali u twila cirka 30 cm;
g. t-tyre tan-naha ta' barra tad-double wheel ta' wara u tal-lemin tat-truck kellu sinjal ta' grif frisk fuq il-lastiku. Meta truck tmexxa fuq ordni tal-espert tal-Qorti din il-girfa instabet li kienet qeghda f'gholi ta' 64 cm 'l fuq mill-art u b'hekk kienet kompatibbli ma grif li nstab fuq il-bumper ta' wara tal-Pajero.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed Dottor Joseph Grech nominat fl-inkjesta** [fol 28] u esibixxa kopja tar-relazzjoni tieghu li giet mmarkata mill-Qorti bhala dokument CSH 3. Illi jirrizulta li dan l-espert zamm access fuq il-post u gabar d-deposizzjonijiet ta' diversi xhieda relevanti ghal kaz qabel ma l-vetturi tnehhew mill-post.

Illi dan l-espert jirrimarka li peress li t-triq fejn sehh l-incident kienet ghadha kif nghatat kisja gdida ta' tarmac, ma kien hemm ebda linji mmarkati fit-triq sabiex wiehed jista jistabilixxi b'certezza fejn hu nofs t-triq u bl-istess mod ma kien hemm ebda marki li kienu juru fejn tispicca t-triq minn mal-hajt. Huwa jiddeskrivi l-incident bhala wiehed fejn sehh impatt kbir mill-vettura misjuqa minn Eddie Joe Cremona tant li l-isteering wheel kien miksur bil-forza kbira li sewwieq uza fuqu meta habat frontalment mas-sigra. Illi fil-fehma ta' dan l-espert, is-sewwieq Eddie Joe Cremona, ttanta jissorpassa lil imputat. Dan qalu ghaliex sab daqqa fuq il-bumper shoe ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa mill-imputat. In oltre, il-mudguard ta' wara ta' l-istess vettura kien maqsum u kien jidher fic-car li kienet daqqa friska. Din id-daqqa kienet indikazzjoni li matul l-manuvra ta' sorpass, setgha kien hemm xi kuntatt bejn iz-zewg vetturi u dan peress li din d-daqqa ma kienet kompatibbli ma ebda habta ohra. It-truck misjuq mill-imputat kellu daqqa fuq in-naha tax-xellug. Fil-fehma

tieghu, l-imputat kien qed isuq bi speed qawwi ghaliex l-bieba kienet imressqa lura u l-footstep tal-istess bieba spiccat tmiss mat-tyre tax-xellug ta' quddiem. Illi t-tyres tat-truck kienu worn out u dan ma ghenx sabiex t-truck inaqqas mill-velocita tieghu b'mod effettiv mal-impatt. Dan l-espert wkoll ikkonferma li dak li qal l-perit Gwido Vella u cioe li meta l-vetturi tmexxew minn ma xulxin, gie nnotat li kien hemm divesi marki fuq t-truck Izuzu tal-imputat li kienu jikkorrispondu ma marki li nstabu fuq il-vettura ta' Eddie Joe Cremona.

Meta xehed l-Qorti, nhar d-dsatax ta' Awissu 2004, l-espert spiega li mill-investigazzjoni li ghamel, rrizulta li Eddie Joe Cremona mar biex jissorpassa l-karozza li kien hemm quddiem, jigifieri tal-imputat, li kienet fl-istess karreggjata, ghalhekk Eddie Joe Cremona hareg fuq il-karaggjata zbaljata tieghu. Qal li Eddie Joe Cremona kien qallu li kien xeghel l-indicator qabel ma ttanta jaghmel l-manuvra ta' sorpass, pero ma ftakarx jekk marx b'erbgha roti jew zewg roti fuq il-karreggjata l-ohra. Ghalkemm ikkonferma li fuq il-karreggjata lejn n-nofs fejn sehh l-incident zewg karozzi ma gemb xulxin fl-istess direzzjoni ma jghaddux.

**Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 xehed Benny Sultana** espert tal-fotografija nominat fl-inkjesta [fol 126] fejn ikkonferma li r-ritratti esibiti mar-relazzjoni maghmula minn Doctor Joseph Grech gew mehuda minnu u esibixxa kopja tar-ritratti nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 li gew markati bhala dokumenti 'X' u 'Z'.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed Charles Attard espert tekniku nominat fl-inkjesta** [fol 77] u ppresenta r-relazzjoni li giet mmarkata bhala dokument CSH 4. Illi fil-fehma tieghu jirrizulta li z-zewg vetturi nvoluti fl-incident hakkew ma xulxin xi sebghin jarda qabel il-habta u dan fil-hin meta Eddie Joe Cremona kien qed jaghmel overtaking tal-Izuzu misjuqa mill-imputat. illi sussegwentement xi tletin jarda qabel il-habta spara t-tyre tal-lemin ta' wara tal-Pajero u dik il-vettura li kienet qed taghmel l-overtaking fuq in-naha ta' barra tat-

triq tilfet l-kontroll, ghamlet 90 degrees u baqhet diehla fis-sigra. Mad-daqqa il-Pajero mmollat lura filwaqt li l-brakijiet tat-truck Izuzu li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Marsalforn ma rabtux sewwa. Dan qalu ghaliex fil-fatt minn erbgha rabat biss ta' quddiem tan-naha tax-xellug. Wiehed setgha jara dan permezz tal-uniku brake mark li kien hemm mal-art. Barra minn hekk, iz-zewg tyres tad-double wheel tat-truck tan-naha tal-lemin ta' wara kienu kwazi lixxi ghal kollox. Bid-daqqa tat-truck l-Pajero li kien mahbut fejn is-sigra gie mbuttat mill-gemb ghal madwar tmien piedi. Fil-fehma tieghu z-zewg vetturi kienu qed jinsaqu b'velocita qawwija ghalkemm tghabija ma kellhomx.

**Nhar d-dsatax ta' Awissu 2004 l-espert Charles Attard rega' xehed** [fol 150] fejn ikkonferma li erbgha karozzi inkluz truck ma gemb xulxin ma jghaddux. Ikkonferma li t-tyre spara xi tletin metru 'l boghod mis-sigra ghaliex is-sewwieq tilef l-kontroll proprju dak l-hin, b'tyre mifqugh waqt li kien miexi bi speed qawwi. Qal wkoll li sab marki tat-tyre fuq kantun u b'hekk ikkonferma li Eddie Joe Cremona laqat l-kantun, spara t-tyre, tilef il-kontroll u spicca fis-sigra. Spjiega li meta s-sewwieq spicca fis-sigra li ma hiex oggetti steady, bl-impatt l-oggett, intuza bhala molla u l-Pajero gie fit-triq fejn kien ghaddej l-imputat. Spjiega wkoll li kieku l-Pajero dahal fil-hajt u mhux f'sigra, ma kienx ikun hemm l-effett ta' molla u kienet tibqa hekk mahbuta fil-hajt. Ikkonferma wkoll li l-vettura ta' Eddie Joe Cremona laqtet u hakket mal-vettura tal-imputat qabel ma spiccat fis-sigra.

Mistoqsi jghid jekk hux cert li l-marka tat-tyre fuq il-kantun kienetx tal-vettura ta' Eddie Joe Cremona, l-espert wiegeb fl-affermattiv u qal li wasal ghal din l-asserzjoni ghaliex kien qala t-tyre tal-Pajero, ikkalkola l-gholi tar-rim mad-daqqa li kien hemm fuq il-kantun u wasal ghal konkluzzjoni li dak l-kantun gie miqut b'dan it-tyre.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed George Cremona** [fol 102] fejn ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CAG 241 hija proprjeta tieghu pero kien jhalli lil huh Eddie Joe Cremona

isuqha. Ikkonferma li qabel l-incident tat-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2992 il-vettura ma kellha ebda hsara fuqha u bhala rizultat ta' dan l-incident spiccat *total loss*.

**Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2003 xehed Tarcisio Mercieca** li hu surveyor, [fol 124] u esibixxa kopja tas-survey li huwa hareg fuq il-vettura tal-ghamla Pajero bin-numru ta' registrazzjoni CAG 241nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2002 w ikkonferma li l-vettura kienet total loss u l-pre accident value taghha kien elfejn u tmien mitt lira maltin.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2003 xehed Eddie Joe Cremona** [fol 101] u qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa kien qed isuq lejn Marsalforn, mar biex jaqla, ra jekk kienux gejjin karozzi minn quddiem u minn warajh, u fil-fatt ma kienx hemm u ghalhekk ghamel l-indicator li kien ser jissorpassa il-karozza ta' quddiemu, hass daqqa fuq ix-xellug u minn hemm 'l quddiem ma jafx x'gara aktar. Mistoqsi minn fejn giet d-daqqa huwa wiegeb li giet kkagjonata minn truck li kien quddiemu misjuq mill-imputat.

Illi f'din is-seduta giet moqrija x-xhieda li huwa kien ta quddiem l-espert nominat mill-Qorti, Dottor Joseph Grech nhar d-disgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 w ikkonfermha fl-intier taghha. Dakinhar kull ma kien qal hu li jiftakar li kien sejjer lejn Marsalforn w imbghad spicca l-isptar. Mistoqsi jekk il-bumper ta' wara tal-vettura misjuqa minnu kelliex daqqiet qabel dan l-incident, huwa wiegeb b'mod kategoriku li ma kelliex daqqiet.

**Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed rega' Eddie Joe Cremona** [fol 144] fejn qal li hu kien gie f'tieghu u ftakar d-dinamika tal-incident pero mistoqsi ghaliex ma qalux qabel lil Dottor Joseph Grech, dan x-xhud wiegeb li sa dakinhar ma kien jaf xejn x'kien gara, lanqas min kien mar jarah l-isptar. Rega' rrepeta li d-daqqa huwa hassha waqt li kien qed jissorpassa lil imputat u li min dak il-hin 'l quddiem ma jaf xejn aktar x'kien gara. Huwa qal li t-tyre tal-vettura spara meta habat fis-sigra.

Illi dwar il-feriti subiti minn dan ix-xhud, xehdu t-tobba.

**Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2003 xehed Doctor Patrick Sciberras** [fol 108] fejn qal li huwa kien ghassa fl-isptar Generali ta' Ghawdex fil-jum tal-incident u cioe fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2002, fid-dipartiment tal-Emergenza u li kien hu li ezamina lil Eddie Joe Cremona li kien involut f'incident tat-traffiku. Qal li kellu hafna *lacero contused wounds* fuq wiccu u fl-*iscalp*. Mistoqsi jghid jekk il-feriti kienux gravi jew le dan ix-xhud wiegeb li setghu kienu gravi pero hu ma regghax ezaminah.

Fil-fatt **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 130] u esibixxa certifikat mahrug minn Doctor Sciberras li gie mmarkat bhala dokument Z.

Illi ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda, nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2003, il-Qorti ghaddiex biex tinnomina lil Doctor Dino Vella Briffa sabiex jezamina lil Eddie Joe Cremona [fol 137].

**Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2004 xehed Doctor Dino Vella Briffa** [fol 134] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument VB. Dan ix-xhud spjiega li fil-fatt ezamina lil Eddie Joe Cremona nhar d-disgha ta' Jannar 2004 w irrizultalu li dan kellu sebgha feriti f'wiccu u f'rasu. Qal li l-ferita fuq rasu hija partikolarment vizibbli ghaliex hija mhaffra u tikkostitwixxi sfregju. Huwa ddeskriva l-feriti l-ohra bhala ta' natura hafifa.

**Illi l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri ghalkemm ta x-xhieda tieghu quddiem l-espert nominat mill-Qorti, Dottor Joseph Grech nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2003**. Huwa spjiega kif dakinhar ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu huwa kien sejjer lejn Marsalforn. F'hin minnhom giet vettura Pajero biex taqbzu, issikkatu u hu resaq mal-hajt. Din il-vettura qabzitu w imbaghad x'hin qabzitu xi nofs tul ta' karozza, kiser lejn ix-xellug mill-ewwel u baqa diehel go sigra u bid-daqqa mexa lura.

Meta qabzu kien xi mija u tletin metru boghod minn fejn saret il-habta. Qal li huwa ma kellux cans jiskapulah u ghalhekk baqa diehel fih. Jghid li kien miexi bi tletin jew hamsa w tletin mil fis-siegha. Huwa jichad b'mod kategoriku li laqat l-bumper ta' Cremona waqt li kien quddiemu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi w x-xhieda migbura jirrizulta li l-imputat Louis Cardona kien niezel lejn Marsalforn mir-Rabat ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu. Illi fl-istess hin kien niezel Eddie Joe Cremona, dan lahaq t-truck w ipproceda biex jaghmel manuvra ta' sorpass fuq l-imsemmi truck Izuzu. Kien appuntu f'dan l-istadju li bdew il-problemi.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-imputat li ma hiex kontestata, li z-zewg vetturi imxew flimkien ghal distanza konsiderevoli ta' cirka mija u tletin metru qabel ma sar l-impatt. Ghalhekk il-manuvra ta' sorpass ma kienetx wahda normali u studjata u maghmula fl-iqsar zmien possibbli. Il-Pajero ghalhekk ma vvjaggax b'dik il-velocita necessarja u sufficjenti sabiex is-sorpass isir malajr.

Illi dwar d-dinamika tal-incident ma tantx hemm xhieda u ghalhekk hija kwistjoni ta' res ispa loqiutur.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1993*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Abela**, "*f'kaz ta' res ipsa loquitur, is-sewwieq huwa obbligat jispjiega l-agir tieghu*." F'dan il-kaz, kien jispetta lil vittma jghid kif tilef l-kontroll u kif effettivament spara t-tyre u spicca mahbut f'sigra, haga li m'ghamilx u li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova b'xhieda okulari.
Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Jannar 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v il-Wisq Markiz Anthony Cassar Desain**, "*meta s-serie tac-cirkostanzi jikkostitwixxu kwadru ta' res ipsa loquitur, il-Prosekuzzjoni tista tistrieh ghal assodiment tal-imputazzjonijiet u jmiss lil imputat li jipprova cirkostanzi in diskariku*."

Fil-fatt, fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Novembru 1949*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Farrugia**, dik il-Qorti ccitat dak li l-**Qorti Ingliza tal-Queen's Bench** qalet fil-kawza ***Cole v Tradford 1918, 2QB 523*** meta iddefinit din id-dottrina hekk:

*"This doctrine was stated to mean that an accident may by its nature be more consistent with its being caused by negligence for which the defendant is responsible than by other causes, and that in such a case, the mere fact of the accident is prima facie evidence of such negligence. In such a case, the burden of proof is on the defendant to explain and to show that it occurred without fault on his part."*

Illi effettivament il-massima latina in dezamina tfisser li:

*"Facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant"* [**Law of Road Traffic** - **Davies** - p.199].

Illi fil-volum **Latin Words and Phrases for Lawyers *- Law and Business Publications Canada Inc - 1980*** pg. 214, jinghad li din il-massima hi applikabbli:

*"… to the laws of evidence, particularly in actions founded on the negligence of the defendant, where the defendant had the exclusive control everything which causes damage, and it is not possible for the plaintiff to show wherein lay the defendant's negligence, but the accident itself could not have happened except for such negligence on the part of the defendant or some other cause which the defendant is bound to explain, the plaintiff may invoke this doctrine to his aid, it is then for the defendant to show that the accident was not the result of his negligence but due to some other cause."*

Illi pero kif sostna **Lord Simmons** fil-kawza fl-ismijiet ***Woods v Duncan - 1996 AC 401***:

*"This does not mean that he must prove <u>how and why</u> the accident happened, it is sufficient if he satisfies the Court that he personally was <u>not</u> negligent."*

Illi effettivament il-posizzjoni l-aktar konsona mar-realta legali in dezamina hija dik postulata fil-kawza fl-ismijiet **Turner v Mansfield Corporation - 1975 - 119 SD JO 629 CA.**

*"Res ipsa loquitur <u>was not</u> a doctrine but a rule as to the wieght of evidence from which negligence could be inferred."*

Illi ghalkemm l-vittma ma jghidx fix-xhieda tieghu li waqt li kien qed isir il-qbiz ossia overtaking, huwa tilef l-kontroll tal-Pajero, habat mal-imputat lateralment ossia fuq ix-xellug u dan huwa evidenti mid-daqqiet li gew spjiegati mill-espert nominat mill-Qorti u li wara din il-habta, tilef l-kontroll, habat ma tarf t-triq, sparalu tyre, baqa diehel frontalment go sigra, immolla lura u l-imputat baqa diehel fl-imputat li kien ghaddej fi triqtu.
Illi l-probabbilita hija li Eddie Joe Cremona tilef l-kontroll tal-vettura tieghu malli habat mal-imputat lateralment. Jirrizulta li d-daqqa fuq il-bumper shoe ta' wara fuq il-vettura ta' Eddie Joe Cremona ma kienetx hemm qabel il-habta u ghalhekk bilfors sehhet qabel il-habta frontali fis-sigra, meta effettivament garrab il-feriti subiti minnu.

Ma jirrizultax li l-feriti li sofra Eddie Joe Cremona gew kagjonati mid-daqqa li huwa ha lateralment meta kien qed jissorpassa lil imputat, izda semmai, gew kogjonati meta baqa diehel fis-sigra, u ta' dan zgur li l-imputat m'ghandhux x'jahti.

Illi la Eddie Joe Cremona u lanqas l-imputat ma spjiegaw kif effettivament spiccaw jhakku xulxin. L-imputat kien fuq is-side tieghu miexi possibilment bi speed veloci pero kien il-vittma Eddie Joe Cremona li kien qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass lejn il-lemin tal-imputat. Minhabba l-fatt li l-istess Eddie Joe Cremona ma jiftakar xejn dwar l-incident huwa difficili hafna li wiehed jistabilixxi bi precizjoni x'gara fil-mument tas-sorpass u hu ghalhekk

ikun difficili li wiehed jitkellem b'certezza dwar dak li segwa wara l-habta laterali.

Dwar il-manuvra ta' sorpass, l-awtur Ingliz **Charlesworth**, fil-ktieb tieghu ***Law of Negligence - 1947 - pg 79***, jghid:

*"In all cases it is the duty of the person overtaking to allow an adequate margin of safety between his vehicle and the vehicle overtaken and to overtake only when he can do so without casuing damage to other traffic and without forcing the <u>overtaken</u> on approaching vehicle to swerve or reduce speed."*

Issa f'dan il-kaz ma jirrizultax li Eddie Joe Cremona qabad w issorpassa l-vettura tal-imputat b'kawtela, izda ghal kuntrarju jirrizulta li ghamel misjudgement ghaliex meta qabzu, laqtu, baqa jsuq ma gembu sakemm tilef l-kontroll tal-vettura. B'hekk huwa ma spiccax il-manuvra li kien ghamel ta' sorpass.

**Skond r-regolament 62 tal-Highway Code**:

*"Never overtake, unless you know that you can do so withtout danger to yourself or to others."*

**Ir-regolament 64 tal-istess Kodici** jipprovdi ulterjorment u cioe:
*"When overtaking, give the appropriate signal, keep at a safe but not excessive distance from the vehicle being overtaken and return to the appropriate lane or side of the road as practicable after overtaking…"*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-vittma kellu l-obbligu li jzomm distanza xierqa minn mal-vettura ta' quddiemu, tal-imputat, li kien ser jissorpassa. Illi fil-fehma tal-Qorti, ma jidhirx li l-vittma ghamel hekk fil-manuvra li huwa ghazel li jaghmel.

**Illi r-regolament 66 jimponi** obbligu fuq is-sewwieq li qed jigi sorpassat li jhalli l-vettura li tissorpassah, li terga tigi quddiemu fl-istess karreggjata u m'ghandux itellaq jew jostakola l-vettura li qed taghmel l-manuvra ta' sorpass.

Illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin m'indikat li l-imputat ghamel hekk jew naqqas fis-sewqan tieghu fil-konfront tal-vittma.

Illi mill-atti jirizultaw xi nuqqasijiet fil-konfront tal-imputat bhal per ezampju li kellu t-tyres tat-truck *worn out* u ghalhekk meta zamm il-brake, r-roti ma rabtux u b'hekk naqas li jikkontrolla t-truck tieghu fil-hin biex jevita l-vettura tal-vittma gejja ghal fuqu minn fuq is-sigra.

Illi ghalkemm il-parte civile fin-nota taghha tirrimarka li l-imputat kellu sewqan eccessiv, dan ma jirrizultax b'mod sodisfacenti.  F'kaz li kien qed isuq b'mod eccessiv, il-vittma zgur li kellu speed aktar gholi, kien qed jipprova jissorpassah u ghalhekk bilfors kellu jeccedi l-speed tieghu biex jaghmel il-manuvra.

Illi l-imputat naqas wkoll meta saq vettura li ma kelliex l-licenzja renovata ghas-sena kurrenti meta sehh l-incident.

Zgur pero li dawn in-nuqqasijiet ma kienux l-kawza prossima ghaliex l-imputat habat fis-sigra u korra bil-mod kif deskritt mit-tobba.

Illi l-parte civile sostniet wkoll li f'kaz li din il-Qorti ma thossx li l-imputat huwa responsabbli ghal incident, zgur li fil-fehma taghha kkontribwixxa ghal incident.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Dicembru 1957*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Grech.**

*"Meta bniedem jqieghed lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu u jigi ferut huwa ikun negligenti.  <u>Imma</u> jekk min ferigh kien negligenti wkoll, dan jibqa ugwalment responsabbli kriminalment jekk in-negligenza tal-offiz kienet biss kontributorja u mhux ghal kollox kawza unika u determinanti ta' dak li gara."*

L-***Imhallef William Harding*** fis-sentenza moghtija nhar ***l-wiehed u tletin ta' Lulju 1939*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Arthur Naudi** jelabora u jghid li:

*"In-negligenza ta' min ikun ghaddej fit-triq ma tiskuzax in-negligenza ta' iehor li jkun ghaddej mill-istess triq."*

Id-diligenza li ghandu jiehu min ikun qed isuq l-karozza ghandha tikkomprendi l-azzjoni ta' dawk l-mezzi li huma edotti biex jigu evitati l-konsegwenzi tas-sewqan hazin ta' haddiehor. Jekk chaffeur iehor ma jkunx qed ihares ir-regolamenti tat-traffiku, wiehed ghandu jiehu kura li jevita l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas u jekk ma jiehux din il-kura, ikun responsabbli tal-kollizzjoni.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-imputat m'ghandux jinzamm unikament responsabbli ghal incident stradali li sehh fit-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2002 u n-nuqqasijiet zghar tal-imputat b'ebda mod ma jikkontribwixxu ghat-tort esklussiv tal-vittma.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 225, 226, 325(b) u 30 tal-Kap 9 u l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lil imputat LOUIS CARDONA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu salv ghall-akkuza ta' sewqan ta' vettura li ma kienetx licenzjata mill-Awtorita kompetenti u tilliberah minnhom.**

**Dwar l-akkuza ta' sewqan minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti il-Qorti tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tletin lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjes konnessi man-nomina ta' esperti, il-Qorti tinnota li dawn l-ispejjes gew inkorsi fl-atti tal-inkjesta u mhux fl-atti ta' din il-kumpilazzjoni u stante li l-Qorti ma sabitux hati tal-akkuzi odjerni, tichad l-istess talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------